MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 647/2009

**Roderick MALLIA [ID. Nru. 394449M]**

**Vs**

**Alfred MIFSUD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Lulju, 2009** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf hames mija u erbatax-il euro u tmien centezmi ta' euro [€1,514.08c] u dan wara li ppremetta hekk:

"Premess illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf hames mija u erbatax il-Ewro u tmien centezmi ta' Ewro (€1,514.08) kwantu ghal €349.40c rapprezentanti prezz ta' *grinder*, kumpressur u *fire extinguisher* lilu mibjugha u konsenjati mir-rikorrenti, u kwantu ghas-somma ta' €1,164.68c rapprezentanti hlas zejjed (*overpayment*) effettwat mir-rikorrenti a favur tieghu dwar

xogholijiet li saru mill-intimat b'inkarigu tar-rikorrenti fil-fond 17/18, Triq ix-Xatt, Kalkara.

Illi minkejja li gie nterpellat biex ihallas l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara u jiddeciedi li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf hames mija u erbatax il-Ewro u tmien centezmi ta' Ewro (€1,514.08c) kif fuq spjegat.

2. Jikkundanna lill-intimat ihallas din is-somma ta' elf hames mija u erbatax il-Ewro u tmien centezmi ta' Ewro (€1,514.08c) lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tas-27 ta' Marzu, 2009 kontra l-intimat li hu ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali li giet debitament notifikata lill-intimat".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-25 ta' Awwissu, 2009 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress li l-esponenti ghandu jiehu flus minghand l-attur u mhux ihallsu u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez".

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-intimat** fil-konfront tar-rikorrenti fejn stqarr hekk:

"Thallas lill-esponenti s-somma ta' Eur1,467 rapprezentanti bilanc parti minn somma akbar in kwantu

ghal prezz ta’ xoghol ta’ alterazzjoni ta’ bini, kisi, rdim ta’ bir, xoghol ta’ cangatura u kamra ta’ bejt.

Bl-ispejjez u b’hekk l-attur jibqa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali”.

Ra **r-risposta tar-rikorrenti ghal-kontro-talba** ta’ l-intimat minnu mressqa fl-1 ta’ Ottubru, 2009 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk:

“1. Illi l-kontro-talba hi preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi l-attur ma ghandu jaghti xejn lil konvenut u l-kontro-talba saret biss bhala ritaljazzjoni ghall kawza miftuha mill-attur. Il-konvenut qatt ma qajjem il-pretensjonijiet li qed isemmi llum qabel”.

Ra l-verbal datat 31 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Ir-rikorrenti xehed permezz ta’ affidavit**. Huwa qal li xogholu kien li jbiegh il-proprjeta. Fis-sena 2004 huwa biegh il-proprjeta bl-indirizz 17/18, Triq ix-Xatt, Kalkara lil certu Barry Mence. Dan ta’ l-ahhar kien inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xogholijiet strutturali, tibjid u sistema ta’ drenagg gdida, kif ukoll xi affarijiet ancillari ohra fl-imsemmija proprjeta.

2. Ir-rikorrenti kien inkariga lill-intimat sabiex jiehu hsieb dawn ix-xogholijiet, u l-intimat da parti tieghu accetta li jaghmilhom. Fil-fatt, ighid ir-rikorrenti, l-intimat kien tah *quotation* fl-ammont ta’ hamest elef hames mija u sittin lira Maltin (Lm5,560).

3. Matul iz-zmien, ir-rikorrenti qal li huwa hallas is-somma ta’ sebat elef liri Maltin (Lm7,000) u dan kif jirrizulta mill-ewwel parti tad-dokument immarkat bhala dok. RM5 (fol. 24) ipprezentat mir-rikorrenti ma l-affidavit tieghu. Ir-rikorrenti f’dan ir-rigward stqarr li “*Dawna l-hlasijiet bqajt nohroghom perjodikament skont kif kien jitlobni hu u jien ma kontx qed naghti kaz wisq li kont qed intih pagamenti iktar milli suppost*” (fol. 16). Fil-fatt, ighid ir-rikorrenti, “*... dawna l-pagamenti kont intihomlu peress li kien isibni fil-ghaxija fir-restaurant li kienet qed tigestixxi l-mara tieghi daka z-zmien u dawna l-flus kont intihom lis-Sur Mifsud akkont tax-xoghol li kien qed jeffetwa fl-istess proprjeta*” (fol. 16).

4. Ir-rikorrenti zied ighid li apparti dan l-ammont l-intimat kien xtara minghandu kumpressur u *fire extinguisher* ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ mija u hamsin liri Maltin (Lm150).

5. Meta tlesta x-xoghol u saret ir-*reconciliation* bejn dak li kien effettivament hallas ir-rikorrenti lill-intimat u l-*quotation* li huwa kien tah. Huwa qal li b’hekk seta jinduna li kien ghamel “*overpayment ta’ Lm1420 li mbaghad wiehed ghandu izid maghhom Lm150 rapprezentanti x-xiri tal-kumpressur u fire extinguisher li semmejt qabel*” (fol. 16). Meta r-rikorrenti kellem lill-intimat u infurmah b’dan il-fatt, l-intimat, skond ma jixhed l-istess rikorrenti, qallu li huwa kien ser jivverifika ma’ l-accountant tieghu u li wara jiltaqghu biex jaghlqu din il-pendenza. Peress li r-rikorrenti baqa ma sema’ xejn minghand l-intimat kellu jiftah “*... dina l-kawza u nfittxu ghall-ammont extra li jien hallast hekk kif spjegajt iktar ‘l fuq li jammonta ghal €3657.11c (Lm1570)*”.

6. **L-intimat xehed permezz ta’ affidavit ukoll**. Huwa qal li jaf lir-rikorrenti peress li kien ghamillu, fis-sena 2004,

"*... xi xogholijiet ta' alterazzjonijiet u madum gewwa l-Kalkara*" (fol. 35). Qal ukoll li wara li kien ghamel dawn ix-xogholijiet huwa kien ghadda l-katusi tal-post kollu. Il-post, ighid l-intimat, kien post antik ta' tlett sulari b'zewgt ikmamar f'kull sular. Dan ix-xoghol, ighid l-intimat kien ghamlu ma Claudio Farrugia li f'dak iz-zmien kien impjegat mieghu. Fit-12 ta' Dicembru, 2004 l-intimat kien korra u kien ghamel sena ma johrogx mid-dar sakemm fieq. Qal ukoll li "*... wara li jiena kont korrejt kien ghad fadal xoghol ta' tikhil fuq il-faccata, bdil ta' zewg xorok u kamra zghira fuq il-bejt li regghet giet imhotta parti minnha. Nghid li kellha tinhat parti minnha ghaliex kien hemm zball tal-perit fil-kejl u konna naqqasna bicca minn dina l-kamra*" (fol. 36). Ta' dan ix-xoghol, l-intimat ighid li r-rikorrenti kellu jaghtih is-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) u "*... dana peress li tat-tikhil kien hallasni fl-ewwel pagament li kien ghamel*" (fol. 36).

7. Ghar-rigward tat-tikhil tal-fond minn gewwa, l-intimat ighid li huwa kien inkariga persuna ohra biex jaghmlu, liema xoghol effettivament kien sar. Il-kont ghal din il-bicca xoghol kien ta' Lm1600 u minn dawn, ighid l-intimat, ir-rikorrenti hallas is-somma ta' Lm1,200. B'hekk, ikompli jghid l-intimat, ir-rikorrenti kien ghad fadallu bilanc ta' Lm400 xi jhallsu.

8. Meta tlesta x-xoghol, l-intimat jistqarr li r-rikorrenti kien infurmah li kellhu xi ghodda ta' missieru li ried ibiegh. Wara li kien ra din l-ghodda, l-intimat xtara minghand ir-rikorrenti kumpressur, *grinder* u *bench drill*. L-intimat ighid li "*ta' dawn jiena ma' hallastux ghaliex peress li kellu jaghtini Lm440 allura jiena kont min fuq u dana meta tikkonsidra li l-ghodda kienet tiswa Lm150 hekk kif ftehmna. Allura isegwi li s'issa l-attur kellu bilanc mieghi ta' Lm290*" (fol. 37).

9. Wara li tlesta dan ix-xoghol, ighid l-intimat, ir-rikorrenti tah izjed xoghol u talbu biex jixtri xi cangatura li b'kollox kienet tiswa Lm90. Radam ukoll bir bil-prezz ta' Lm250. Dan ifisser, ighid l-intimat, "*... li b'kollox l-attur kellu jaghtini Lm630*" (fol. 37). L-intimat fl-ahhar ta' l-affidavit tieghu qal li beda jghaddi z-zmien u r-rikorrenti baqa qatt ma hallsu. L-intimat cahad ukoll li huwa "*xi darba ircevejt xi hlas bil-quddiem minghand l-attur* " (fol. 37).

10. **Fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2011 xehed in kontro-ezami l-intimat**. Huwa qabel li kien ta' stima lir-rikorrenti tax-xogholijiet li kellhom isiru gol-fond li jinsab fil-Kalkara. Meta gie muri d-dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 18 sa 20 (dok. RM1) huwa qabel li dawn kienu l-*quotation* li kien semma. Zied ighid pero li ma dawn kien hemm ukoll xogholijiet addizzjonali. Ghal dawn ix-xogholijiet zejda, l-intimat ighid li kien hareg stima ohra, li pero ma gietx esebita mir-rikorrenti. Dwar dan il-punt, l-intimat ighid li "*jiena nghid illi l-quotations tal-extras jiena kont semplicement urejtha lill-attur u hu ftit wara kien hallasni dan l-ammont*" (fol. 46). Zied ighid li "*jiena kont ghaddejt kopja tal-quotation tal-extras lill-attur u kont anki zammejt kopja ghalija pero ghandi nghid illi rrid infittex din l-istess karta*" (fol. 46). L-intimat obbliga ruhhu li jesebixxi kopja ta' din l-istima ghal xogholijiet addizzjonali maghmula minnu. Wara li kien lesta x-xoghol, l-intimat ighid li kien korra u peress li kien ghad "*fadal xi truffijiet ta' xoghol li ghad kellhom isiru u jiena ma stajtx naghmilhom kont qabbadt lill-lavrant tieghi Claudio sabiex jlestihom u anke wara li sar dan ix-xogholijiet l-attur rega' zied xi xogholijiet ohra u dana dejjem fir-rigward tal-istess dar*" (fol. 46). L-intimat ighid ukoll li wara li kien irkupra huwa kien ghamel dawn ix-xogholijiet addizzjonali u meta ghadda l-kont lir-rikorrenti, dan ta' l-ahhar ma qabilx mieghu u "*... spiccajna f'din il-kawza*" (fol. 46). L-intimat ikkonferma dak li stqarr fl-affidavit tieghu u cioe li huwa kien thallas tax-xoghol kollu li kien ghamel salv ghax-xogholijiet addizzjonali. Dawn ix-xogholijiet addizzjonali kienu koperti bl-istima li hu kien wera' lir-rikorrenti, liema stima l-intimat intrabat li

jesebixxi f'dawn il-proceduri. Fil-fatt, seduta stante, l-intimat esebixxa din l-istima tax-xogholijiet addizzjonali li kien ghamel u li skond hu, r-rikorrenti ghadu ma hallsux. Din l-istima giet immarkata bhala dok. XX1 u tinsab a fol. 50 tal-process. Meta gie mistoqsi jekk fuq din l-istima hemmx il-firma tar-rikorrenti, l-intimat stqarr li ma hemmx u dan peress li "*... hekk kif tajtu din il-quotation l-attur ma qabilx mieghi u gara dak li gara*" (fol. 46-47). L-intimat in kontro-ezami jghid ukoll li l-ammonti *highlighted* fuq l-istima li hemm a fol. 18 sa 20 tal-process huma l-ammonti li kien hallsu r-rikorrenti pero jsostni li  ma jinkludux ix-xogholijiet addizzjonali li ghadu kif semma. Imbaghad jikkonferma li a fol. 26 et seq hemm l-ircevuti mahrugin minnu ghax-xogholijiet li huwa ghamel pero jistqarr li ma jidhirx li hemm r-ricevuta tax-xoghol ta' tikhil li huwa ghamel allavolja kien sar il-hlas mir-rikorrenti lilu ghal dan ix-xoghol. Dan ix-xoghol ta' tikhil, ighid l-intimat, huwa kien tah lill-haddiehor u kien ghalhekk li huwa ma harigx ricevuta. Dawn il-flus (ghat-tikhil) kienu ngabru mill-intimat minghand ir-rikorrenti u mbaghad l-intimat ghaddiehom lil din il-persuna li kienet ghamlet it-tikhil. L-intimat accetta l-fatt li huwa qatt ma ghadda flus lir-rikorrenti ghall-kompressur u ghall-*fire extinguisher*. Fil-prezz ta' Lm150 kien hemm inkluz ukoll, ighid l-intimat, il-*bench drill* u l-*bench grinder*. L-intimat jispjega li "*jiena ma hallastx dan l-ammont ta' flus kif diga ghedt ghaliex l-ghada li hadt dawn l-affarijiet kelli niehu cangatura, ramel u affarijiet ohra lill-attur sabiex nibda xi xogholijiet ohrajn. Jiena dehrli illi peress illi kont ghadni nahdimlu fuq affarijiet ulterjuri l-ammont illi kelli ntih seta jitnaqqas mill-ammont illi kellu jaghti lili*" (fol. 47). Skond l-intimat, ir-rikorrenti kien accetta dan il-fatt.

11. **Claudio Farrugia** ukoll xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li kien gie inkarigat mill-intimat "*... sabiex mieghu naghmel xi xoghol f'post il-Kalkara li jappartjeni lill-attur*" (fol. 38). "*Ix-xogholijiet*" ighid dan ix-xhud "*li ghamilt jiena kienu konsistenti f'illi biddilt zewg xorok, hattejt parti minn kamra fuq il-bejt u kahhalt il-fili tal-faccata. Jiena kont biddilt ukoll xi gebel minn dina l-faccata*". Ix-xoghol sar lejn l-ahhar tas-sena 2005 ighid dan ix-xhud. Finalment, dan ix-xhud ighid li r-rikorrenti

kien inkarigah jaghmel xi xoghol iehor – mhux dak li kien gie miftiehem mal-intimat – ghal-liema xoghol ir-rikorrenti kellhu jhallsu apparti. Ix-xhud ighid li "*... l-attur tghidx kemm gieni bi problemi biex ihallas. Di fatti nghid li kull ma thallast kien Lm700*[1] *u domt biex thallas seba xhur*" (fol. 38). Fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2011 sarlu l-kontro-ezami. Huwa qal li tqabbad jaghmel xi xoghol fuq il-fond gewwa l-Kalkara "*...peress illi dan l-istess Mifsud kien wegga'*" (fol. 48). Spjega illi "*ix-xoghol li kien qabbadni naghmel Alfred Mifsud ghall-Roderick Mallia kien xoghol ta' xorok, xoghol ta' tikhil, bazikament dan kien ix-xoghol li kelli naghmel u ta' dan ix-xoghol jiena thallast u minghand Alfred Mifsud*" (fol. 48). Imbaghad qal ukoll li "*Ix-xoghol li kien qabbadni naghmel Roderick Mallia kien xoghol ta' aperturi, gallariji u cioe dawk biss*" (fol. 48). Ghal dawn l-ahhar xogholijiet huwa thallas direttament minghand ir-rikorrenti. Ix-xhud jistqarr ukoll li huwa ma hareg l-ebda ricevuta, la lir-rikorrenti u l-anqas lill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

12. Illi skond ma jirrizulta mill-verbal datat 13 ta' Mejju, 2011, id-difensur tar-rikorrenti Dott. Adrian Camilleri rrileva li l-ammont indikat fl-avviz hu zbaljat u dan fis-sens li dak l-ammont kellu jitqies bhala liri Maltin u mhux Ewro. Ghalhekk, huwa talab, ghan-nom tar-rikorrenti sabiex jipprezenta rikors biex jitlob il-korrezzjoni mehtiega. Sussegwentement, fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2011, din it-talba giet irtirata.

13. Permezz tat-Talba principali, r-rikorrenti qieghed jitlob is-segwenti hlasijiet:

a) €349.40c – prezz ta' *grinder*, kumpressur u *fire extinguisher*;

[1] Flok elf lira Maltin (Lm1,000)

b) €1,164.68c – hlasijiet zejda li huwa ghamel lill-intimat fir-rigward ta' xogholijiet li saru mill-intimat fuq inkarigu tar-rikorrenti fil-fond 17/18, Triq ix-Xatt, Kalkara;

14. Dan l-ghaliex l-istima ghax-xogholijiet miftehma kienet ta' hamest elef hames mija u sittin liri Maltin (Lm5,560) mentri r-rikorrenti hallas lill-intimat sebat' elef liri Maltin (Lm7,000). Dan oltre l-Lm150 li l-partijiet kienu ftehmu bhala prezz ghal xi ghodda li l-intimat kien xtara minghand ir-rikorrenti.

15. L-intimat jaqbel li huwa kien hareg ir-ricevuti fiskali li jinsabu esebiti a fol. 26 sa 33 tal-process. Meta t-Tribunal ghadd l-ammonti li jinsabu indikati fl-imsemmija ricevuti fiskali huwa wasal ghall-ammont ta' hames elef hames mija u tmenin liri Maltin (Lm5,580).

16. Ir-rikorrenti esebixxa ukoll elenku ta' hlasijiet li huwa ghamel lill-intimat. Dawn jinsabu esebiti fid-dokument immarkat bhala dok. RM5 (fol. 24). Skond dan l-elenku, bejn it-13 ta' Gunju 2004 u l-10 ta' Awwissu, 2005 huwa hallas lill-intimat is-somma ta' Lm7,000. Il-hlasijiet hemm indikati jidhru li saru kollha permezz ta' *cheque* salv ghall-pagamenti li saru fit-13 ta' Gunju, 2004 (dok. RM2 a fol. 21) u fit-3 ta' Settembru, 2004 (dok. RM4 a fol. 23). F'dawn iz-zewg kazijiet tezisti pero ricevuta rilaxxata mill-intimat. Il-pagamenti fiz-zewg okkazzjonijiet kienu ta' Lm500. Ghalkemm kienet tkun prova aktar b'sahhitha kieku r-rikorrenti esebixxa kopja tac-cekkijiet tal-hlasijiet li saru lill-intimat, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn dawn l-istess hlasijiet.

17. L-intimat da parti tieghu pero qieghed isostni li d-differenza bejn Lm5560 u Lm7000 thallset ghal xogholijiet addizzjonali li r-rikorrenti kien qabdu jaghmel oltre dawk imsemmija minnu fl-istima li tinsab esebita a fol. 18 sa 20 tal-process. Mhux talli hekk, talli l-intimat, fil-kontro-talba

tieghu qieghed jitlob hlas ghal xogholijiet ohra li huwa ghamel u li r-rikorrenti baqa qatt ma halsu taghhom. Dwar dan l-ahhar punt jinghad izjed meta t-Tribunal jghaddi biex jezamina l-kontro-talba ta’ l-intimat. Minn qari tal-kontro-ezami ta’ l-intimat u cioe meta qal li “*nerga nsostni illi l-ammonti li huma highlightjati fuq dan il-quote huma l-ammonti li kellu jhallasni l-attur pero ma jinkludux l-extras li ghadni kif semmejt*” (fol. 47). Meta t-Tribunal ghadd flimkien l-ammonti immarkati bil-lewn isfar (*highlighted*) u li jinsabu fid-dokument immarkat bhala dok. RM 1 (a fol. 18 sa 20) huwa wasal ghac-cifra ta’ Lm3,560. Ir-rikorrenti jsostni li l-istima maghmula mill-intimat kienet ta’ Lm5,560. Fil-fatt jekk jinghaddu c-cifri li jinsabu fi-dok. RM1 a fol. 18 sa 20 tal-process tigi din is-somma hawn indikata. It-Tribunal jifhem li galadarba l-intimat qieghed jghid li hija s-somma ta’ Lm3,560 li kellu jhallsu r-rikorrenti (dawk ic-cifri *highlighted*) huwa dan l-ammont li r-rikorrenti kellu jhallas u mhux ic-cifra ta’ Lm5,560.

18. L-intimat ighid li ghar-rigward tax-xoghol ta’ tikhil ta’ gewwa tal-fond fil-Kalkara huwa kien inkariga lill-haddiehor l-ghaliex ma setax jaghmel dan ix-xoghol peress li huwa kien korra. Il-kont ta’ dan ix-xoghol kien ta’ Lm1,600 li minnhom thallsu Lm1,200 u ghalhekk kien fadal bilanc ta’ Lm400.

19. L-intimat jindika waqt il-kontro-ezami tieghu li huwa ghamel xogholijiet addizzjonali bhal xiri ta’ cangatura u irdim ta’ bir. Ta’ dawn iz-zewg *items*, l-intimat talab is-somma ta’ Lm90 u Lm250 rispettivament. B’kollox Lm340.

20. Jekk mas-somma ta’ Lm3,560 (ic-cifri *highlighted* fid-dok. RM1 a fol. 18 sa 20) jinghaddu z-zewg somom ta’ Lm1,600 u Lm340, tigi s-somma komplessiva ta’ Lm5,520. B’hekk ghandu jirrizulta minnu dak li qieghed jghid ir-rikorrenti u cioe li huwa hallas aktar milli effettivament sar xoghol mill-intimat. Dan l-ammont, skond

il-kalkoli tat-Tribunal huwa ta' elf erba' mija u tmenin liri Maltin (Lm1,480) pari ghal tlett elef erba' mija sebgha u erbghin euro u sebgha u erbghin centezmi ta' euro (€3,447.47), liema ammont kwazi jikkombaca ma dak indikat mir-rikorrenti fl-affidavit tieghu meta jghid li "*... irrizulta li jien ghamilt overpayment ta' Lm1,420*" (fol. 16).

21. Ghar-rigward tax-xiri da parti ta' l-intimat ta' l-ghodda li kienu jappartjenu lil missier ir-rikorrenti, jirrizulta ukoll li l-intimat ma hallas lir-rikorrenti l-ammont miftiehem ta' Lm150 pari ghal tlett mija disgha u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro (€349.41).

22. B'hekk meta tghodd iz-zewg ammonti raggunti mit-Tribunal ucioe l-ammont ta' €3,447.47 u l-ammont ta' €349.41 jigi l-ammont komplessiv ta' tlett elef seba' mija sitta u disghin euro u tmienja u tmenin centezmi ta' euro (€3,796.88). Kif nafu pero, it-Tribunal ghandu kompetenza biex jiddeciedi kawzi sa l-ammont massimu ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro (€3,494.06)[2].

23. Issa f'dan il-kaz, it-talba tar-rikorrenti hija ghall-ammont ta' €1,514.08c. Skond il-verbal datat 13 ta' Mejju, 2011, id-difensur tar-rikorrenti Dott. Adrian Camilleri rrileva li l-ammont indikat fl-avviz hu zbaljat u dan fis-sens li dak l-ammont kellu jitqies bhala liri Maltin u mhux Ewro. F'din is-seduta huwa talab, ghan-nom tar-rikorrenti sabiex jipprezenta rikors biex jitlob il-korrezzjoni mehtiega. Sussegwentement, fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2011, din it-talba giet irtirata. Ghalhekk it-Tribunal huwa llum il-gurnata marbut bit-talba li ressaq l-istess rikorrenti ta' €1,514.08c u huwa dan l-ammont li t-Tribunal sejjer jikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti.

[2] Artikolu 3(2) tal-Kap. 380

24. Nghaddu issa biex naraw il-kontro-talba tal-intimat. L-intimat ighid li r-rikorrenti ghad fadallu jhallsu s-somma ta' elf erba' mija sebgha u sittin euro (€1,467) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in kwantu ghal prezz ta' xoghol ta' alterazzjoni ta' bini, kisi, rdim ta' bir, xoghol ta' cangatura u kamra ta' bejt. Ir-rikorrenti da parti tieghu jilqa ghal din il-kontro-talba billi jghid fl-ewwel lok li din il-kontro-talba hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 u fit-tieni lok li r-rikorrenti ma ghandu jaghti xejn lill-intimat u dan peress li din il-kontro-talba saret biss b'ritaljazzjoni ghall-kawza miftuha mir-rikorrenti.

25. L-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 jghid hekk:

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

26. Minghajr pregudizzju ghal dak li inghad aktar il-fuq f'din is-sentenza dwar l-ammonti u l-fatt li r-rikorrenti hallas dak kollu li kellhu jaghti lill-intimat, anzi proprjament hallas izjed, mill-provi rrizulta li l-intimat kien ghamel xi xoghol lir-rikorrenti fis-sena 2004/2005. Tul dawn il-proceduri l-intimat ma esebixxa l-ebda att li juri li huwa b'xi mod interrompa jew issospenda d-dekors tat-terminu msemmi mill-ligi u konsegwentement kull pretensjoni li l-intimat seta' kellhu fil-konfront tar-rikorrenti hija llum il-gurnata perenta. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa u qeghda tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi ghar-rigward tat-talba principali jilqaha u konsegwentement

filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat jikkundanna lill-istess intimat sabiex jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' elf hames mija u erbatax-il euro u tmien centezmi ta' euro [€1,514.08c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficjali msemmija fit-Talba u cioe mis-27 ta' Marzu, 2009.

Ghar-rigward tal-kontro-talba, it-Tribunal qieghed jilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti u cioe li l-kontro-talba hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement qieghed jichad l-istess kontro-talba.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------